MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Numru. 956/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jessica Grima]**

**vs**

**Mario Vella**
**Matthew Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 956/2010**

**Illum 4 ta’ Lulju 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra

**Mario Vella**, bin il-mejjet Saviour u Carmena nee’ Gatt, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Dicembru, 1954, residenti fil-fond

numru 43, ‘Mario Hse’, Triq Mikiel Anton Vassallo, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 54955M; u

**Matthew Vella**, bin Mario u Rita nee’ Attard, imwieled Pieta’ fis-19 ta’ Marzu, 1987, residenti fil-fond numru 43, ‘Mario Hse’, Triq Mikiel Anton Vassallo, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 142787M.

Akkuzati talli nhar fl-4 ta’ Settembru, 2010 ghall-habta ta’ bejn is-6:00pm u s-7:00pm, waqt li kienu fi Triq ix-Xtut, San Pawl il-Bahar, attakkaw lil Antoine Spiteri u wara li tawh diversi daqqiet fuq il-persuna tieghu, kkagunawlu offizi ta’ natura gravi u dan skont ma ccertifika t-tabib Dr J Wyatt Muscat MD(Reg. No. 5255) tal-isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, kisru l-paci pubblika bl-ghajjat, glied jew b’ kull mod iehor.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Krimimali kif mahsub f’l-artikoli:
a) 214, 215, 216(1)(a)(b)(d), 216(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
c) 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan huwa kaz dwar incident li sehh mhar l-4 ta’ Settembru 2010 fi Triq ix-Xtut San Pawl il-Bahar. Dak in-nhar certu Etienne Fenech kien qed jahsel daghjsa quddiem garaxx tieghu; l-ilma li kien qed jintuza kien qed jinzel ‘l isfel u fforma ghadira vicin ta’ vettura propjeta ta’ l-imputat Matthew Vella li dak il-hin kien qed jghum. Il-vettura kienet ipparkjata quddiem il-garaxx propjeta ta’

missier Matthew Vella, l-imputat l-iehor Mario Vella li dak il-hin kien gol-garaxx. Mario Vella sar jaf b'dak li kien qed jigri u hareg biex jghid lil Fenech biex ma jkompliex juza l-ilma u qam battibek bejniethom meta hareg (il-parte leza) Antoine Spiteri mill-garaxx ta' Fenech; dan Spiteri u Mario Vella spiccaw f'l-idejn hekk kif Etienne Fenech gab xi katina u huma it-tlieta spiccaw jitqabdu ma' xulxin. Dak il-hin kien gej Matthew Vella mill-bahar; hu dahal bejntiehom biex iferraq. F'din it-taqbieda soffrew griehi kemm Antoine Spiteri kif ukoll l-imputat Mario Vella. Proceduri kriminali dwar dan l-incident ittiehdu kemm kontra l-imputati odjerni kif ukoll kontra Antoine Spiteri u Etienne Fenech.

Illi Antoine Spiteri u Etienne Fenech tressqu bhala xhieda fil-proceduri odjerni; huma pero ghazlu li jipprevalixxu ruhhom mill-fakolta li ma jixhdux in vista tal-proeceduri li hemm pendenti kontra taghhom.

Illi l-imputati min-naha l-ohra ghazlu li jaghtu d-depozizzjoni taghhom u taw il-verzjoni hawn fuq sintetizzata. Mario Vella jghid huwa mar ikellem lil Fenech "bil-kelma t-tajba" u li m'ghamel xejn li seta' provoka l-agir l-ewwel ta' Spiteri mbaghad ta' Fenech; jghid ukoll li da parti tieghu kull m'ghamel, wara li gie aggrediet minn Spiteri, kien li ddefenda lilu nnifsu. Matthew Vella da parti tieghu jghid li hu kull m'ghamel kien li ferraq lil ohrajn.

Illi ghandu jigi rilevat li l-unika prova dwar x'gara f'dan l-incident kienet id-depozizzjoni taz-zewg imputati ghaliex il-persuni l-ohra li xehdu kienu l-pulizija involuti f'l-investigazzjoni tal-kaz u li jafu biss dak li gie rrakkontat lilhom mill-partijiet; xehdet ukoll tabiba li invistat lil Antoine Spiteri biex tikkonferma l-griehi li soffra.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi akkwiziti ma jirrizultax fil-grad rikjest mill-Ligi li l-imputati, jew min minnhom, kienu responsabbli ghall-dan l-incident fis-sens li kienu huma li bdew il-glied jew li kienu huma li provokaw lill-ohrajn ghall-glied. Konsegwentement

ma jistax jinghad li l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom gew sodisfacjentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tilliberahom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------